**354. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTJA TA' BINI F'MANOEL ISLAND LILL-INTER-GOVERMENTAL MARITIME CONSULTATIVE ORGANISATION

Billi b'riżuluzzjoni tas-Seduta Numru 91 tat-18 ta' Ottubru, 1977 il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' bini f'Manoel Island lill-Inter-Governmental Maritime Consultative Organisation biex jitwaqqaf Ċentru Reġjonali għall-kontra t-tniġġiż li se tiskadi fl-10 ta' Diċembru, 1981;

Billi l-Gvern beħsiebu jġedded din l-għotja għaż-żmien u skont il-kondizzjonijiet u pattijiet imsemmija fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmi bini f'Manoel Island jista' jiġi mogħti lill-Inter-Governmental Maritime Consultative Organisation għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

25.09.1981